**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 202**

L-Erbgħa, 31 ta’ Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anglu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, kien imsiefer fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Justin Schembri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 201 li saret fit-30 ta’ Jannar 2024 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Ray Abela sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 200 tad-29 ta’ Jannar 2024, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13314, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2957 Tabella li turi n-numru ta’ talbiet pendenti għall-pagamenti għall-ħlas lill-esperti tal-Qorti sal-25 ta’ Jannar 2024.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 13314 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2958 Lista A li tkopri inventarju mill-ġdid wara li saru l-korrezzjonijiet neċessarji, Lista B li tkopri s-sejbiet arkeoloġiċi u Lista C li tkopri siti ġodda tal-inventarju nazzjonali ta' patrimonju kulturali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15670;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2959 Tagħrif dwar applikazzjonijiet għall-bini, estensjonijiet u bdil fl-użu għal irziezet tan-nagħaġ f'Għawdex bejn Ġunju u Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14980;

P.L. 2960 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15175;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2961 Lista li tindika l-progress dwar ir-Rakkomandazzjonijiet tal-GREVIO waqt il-perjodu tat-Tieni Strateġija Nazzjonali (2021 – 2022), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14186;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2962 Tabella li turi r-riżultati tat-testijiet tal-arja għad-diossidu tan-nitroġenu (nitrogen dioxide) f'Għawdex maqsuma skont il-lokalità, li nbdew bejn Jannar u Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14981;

P.L. 2963 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15178;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2964 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15179;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2965 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15180;

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2966 Tagħrif dwar in-numru ta' persuni li attendew fid-Dipartiment tal-Emerġenza maqsuma xahar b'xahar għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15244; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2967 Tliet mapep li juru r-rotot tat-trasport pubbliku bin-numri 49, 103 u 260, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15354.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ta' dakinhar, l-Onor. Alex Muscat issostitwixxa lill-Onor. Romilda Zarb.

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Edward Zammit Lewis, irrapporta li fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l Affarijiet Barranin u Ewropej li ltaqa' fit-22 ta' Jannar 2024, ġew ikkonsidrati għaxar proposti leġiżlattivi għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rriżulta li kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2968 Lista ta' għaxar proposti leġiżlattivi kkonsidrati għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Huwa rrapporta wkoll li fl-istess laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I, il-grupp għamel skrutinju u għadda 43 proposta leġiżlattiva u dokumenti oħra maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea u minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea, u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2969 5066. Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EU, Euratom) 2020/2093 laying down the multiannual financial framework for the years 2021 to 2027 (COM (2021)569);

P.L. 2970 5067. Proposal for a Council Decision amending Decision (EU, Euratom) 2020/2053 on the system of own resources of the European Union (COM (2021)570);

P.L. 2971 5068. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on the implementation of the EU Youth Strategy (2019-2021) (COM (2021)636);

P.L. 2972 5069. Joint Communication to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - A stronger EU engagement for a peaceful, sustainable and prosperous Arctic (JOIN (2021)27);

P.L. 2973 5070. Joint Communication to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Responding to state-sponsored instrumentalisation of migrants at the EU external border (JOIN (2021)32);

P.L. 2974 5071. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council laying down measures for a high common level of cybersecurity at the institutions, bodies, offices and agencies of the Union (COM (2022)122);

P.L. 2975 5072. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the European Economic and Social Committee on decent work worldwide for a global just transition and a sustainable recovery (COM (2022)66);

P.L. 2976 5073. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Conference on the Future of Europe Putting Vision into Concrete Action (COM (2022)404);

P.L. 2977 5074. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on EAGF expenditure Early Warning System No 1-3/2022 (COM (2022)225);

P.L. 2978 5075. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Towards more sustainable fishing in the EU: state of play and orientations for 2023 (COM (2022)253);

P.L. 2979 5076. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Council Regulation (EC) No 1217/2009 as regards conversion of the Farm Accountancy Data Network into a Farm Sustainability Data Network (COM (2022)296);

P.L. 2980 5077. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Upgrading Cohesion policy - Flexible Assistance to territories (FAST - CARE) - to address the consequences of Russian aggression (COM (2022)324); and Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Regulation (EU) No 1303/2013 and Regulation (EU) 2021/1060 as regards additional flexibility to address the consequences of the military aggression of the Russian Federation FAST (Flexible Assistance for Territories) - CARE (COM (2022)325);

P.L. 2981 5078. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions A contingency plan for transport (COM (2022)21;

P.L. 2982 5079. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - An action plan for EU-Ukraine Solidarity Lanes to facilitate Ukraine's agricultural export and bilateral trade with the EU (COM (2022)217);

P.L. 2983 5080. Proposal for a Council Decision on the position to be taken on behalf of the European Union in the Central Commission for the Navigation on the Rhine on the adoption of the revised Regulation for Rhine Navigation Personnel (RPN) (COM (2022)290);

P.L. 2984 5081. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on information security in the institutions, bodies, offices and agencies of the Union (COM (2022) 119);

P.L. 2985 5082. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Model status agreement as referred to in Regulation (EU) 2019/1896 of the European Parliament and of the Council of 13 November 2019 on the European Border and Coast Guard and repealing Regulations (EU) No 1052/2013 and (EU) 2016/1624 (COM (2021)829); and Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Model working arrangement as referred to in Regulation (EU) 2019/1896 of the European Parliament and of the Council of 13 November 2019 on the European Border and Coast Guard and repealing Regulations (EU) No 1052/2013 and (EU) 2016/1624 (COM (2021)830);

P.L. 2986 5083. Proposal for a Council Decision on guidelines for the employment policies of the Member States (COM (2022)241);

P.L. 2987 5084. Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on the energy performance of buildings (recast) (COM (2021)802);

P.L. 2988 5085. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council on stepping up the fight against environmental crime (COM (2021)814); and Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on the protection of the environment through criminal law and replacing Directive 2008/99/EC (COM (2021)851);

P.L. 2989 5086. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Regulation (EU) 2021/241 as regards REPowerEU chapters in recovery and resilience plans and amending Regulation (EU) 2021/1060, Regulation (EU) 2021/2115, Directive 2003/87/EC and Decision (EU) 2015/1814 (COM (2022)231);

P.L. 2990 5088. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the operation of Directive 2011/24/EU on the application of patients' rights in cross-border healthcare (COM (2022)210);

P.L. 2991 5089. Report from the Commission on the establishment of a substantial change of circumstances for heated tobacco products in line with Directive 2014/40/EU (COM (2022)279);

P.L. 2992 5090. Report from the Commission to the European Parliament and the Council - Implementation of the third Programme of Union Action in the field of health in 2020 (COM (2022)328);

P.L. 2993 5091. Recommendation for a Council Decision authorising the opening of negotiations on behalf of the European Union for the conclusion of an international agreement on pandemic preparedness and response as well as for the negotiations of complementary amendments to the International Health Regulations (2005) (COM (2021) 766);

P.L. 2994 5092. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on the Workplan for Culture 2019 - 2022 (COM (2022)317);

P.L. 2995 5093. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: The New European Bauhaus Beautiful, Sustainable, Together. (COM (2021)573);

P.L. 2996 5094. Joint Report to the European Parliament and the Council - Macao Special Administrative Region: Annual Report for 2021 (JOIN (2022)15);

P.L. 2997 5095. Joint Report to the European Parliament and the Council - Hong Kong Special Administrative Region: Annual Report for 2021 (JOIN (2022)16);

P.L. 2998 5096. Communication from the Commission to the Council and the European Parliament – Sixth Annual Report on the Facility for Refugees in Turkey (COM (2022)243);

P.L. 2999 5097. Communication from the Commission to the Council - Financial information on the European Development Fund - European Development Fund (EDF): Financial execution 2021 and forecasts for 2022-2025 (COM (2022) 264);

P.L. 3000 5098. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council – 2022 Strategic Foresight report – Twinning the green and digital transitions in the new geopolitical context (COM (2022)289);

P.L. 3001 5099. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the Court of Auditors – Annual accounts of the European Development Fund 2021 (COM (2022)321);

P.L. 3002 5100. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council - Commission Opinion on Georgia's application for membership of the European Union (COM (2022)405);

P.L. 3003 5101. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council: Commission Opinion on the Republic of Moldova's application for membership of the EU (COM (2022)406);

P.L. 3004 5102. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council - Commission Opinion on Ukraine's application for membership of the European Union (COM (2022)407);

P.L. 3005 5103. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - The power of trade partnerships: together for green and just economic growth (COM (2022)409);

P.L. 3006 5105. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on Implementation and Enforcement of EU Trade Agreements (COM (2021)654);

P.L. 3007 5106. Proposal for a Council Decision on the signing, on behalf of the Union, of the Voluntary Partnership Agreement between the European Union and the Co-operative Republic of Guyana on forest law enforcement, governance and trade in timber products to the European Union (COM (2022) 199); and Proposal for a Council Decision on the conclusion of the Voluntary Partnership Agreement between the European Union and the Co-operative Republic of Guyana on forest law enforcement, governance and trade in timber products to the European Union (COM (2022)200);

P.L. 3008 5107. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on EAGF expenditure - Early Warning System No 4-6/2022 (COM (2022) 368);

P.L. 3009 5108. Proposal for a Council Regulation fixing the fishing opportunities for certain fish stocks and groups of fish stocks applicable in the Baltic Sea for 2023 and amending Regulation (EU) 2022/109 as regards certain fishing opportunities in other waters (COM (2022) 415);

P.L. 3010 5109. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the use of nanomaterials in cosmetics and on the review of Regulation (EC) No 1223/2009 on cosmetic products as regards nanomaterials (COM (2021)403);

P.L. 3011 5110. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the exercise of the power to adopt delegated acts conferred to the Commission pursuant to Regulation (EU) 2017/852 on mercury (COM (2021)488).

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## 1. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8) – ABBOZZ NRU 77

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li kien intlaħaq qbil li d-diskussjoni fi stadju ta’ Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) – Abbozz Nru 77, kienet se tkopri u teżawrixxi d-diskussjoni fi stadju ta’ Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) – Abbozz Nru 78, li kien qiegħed jidher bħala t-tieni item fuq l-Aġenda tal-Kamra.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Graziella Attard Previ.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9” inqara t-tieni darba.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, l-istadju ta’ Kumitat ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi kien se jsir fil-Kamra wara li jiġi konkluż it-tieni item fuq l-aġenda.

## 2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9) – ABBOZZ NRU 78

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Skont ftehim milħuq aktar kmieni fis-seduta, u kif diġà ġie indikat fid-diskussjoni dwar it-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz Nru 8) - Abbozz Nru 77 - il-konsiderazzjoni fi stadju ta’ Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz Nru 9) kienet ġiet eżawrita waqt id-diskussjoni fi stadju ta’ Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi Nru 77, li kien għadu kif għadda mill-Kamra.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal materji li huma ancillari għalihom” inqara t-tieni darba.

Id-Deputy Speaker avża li skont ftehim milħuq, l-istadju ta’ Kumitat ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi kien se jsir fil-Kamra, u dan isir malli jkun konkluż l-istadju ta’ kumitat tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) – Abbozz Nru 77.

Il-Kamra marret f’Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker ippreseda.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8) – ABBOZZ NRU 77

**KLAWSOLA 2** għaddiet nem.con u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ressaq din l-Emenda "A":

**Klawsola 1**

Fi klawsola 1 minflok il-kliem "l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8)" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali".

**Clause 1**

In clause 1 the words "Criminal Code (Amendment No. 8) Act, 2023" shall be substituted by the words "Criminal Code (Amendment) Act, 2024".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**TITOLU**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ressaq din l-Emenda "B":

**Titolu**

Fit-Titolu minflok il-kliem "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9." għandhom jidħlu l-kliem "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.".

**Title**

In the Title the words "An Act to further amend the Criminal Code, Cap. 9." shall be substituted by the words "An Act to amend the Criminal Code, Cap. 9.".

L-Emenda "B" għaddiet nem. con.

**IT-TITOLU**, kif emendat, għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Il-Kumitat qabel ukoll li l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għandu jirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9) – ABBOZZ NRU 78**

**KLAWSOLI 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8** għaddew nem.con u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ressaq din l-Emenda "A":

**Klawsola 1**

Fi klawsola 1 minflok il-kliem "l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9)" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2)".

**Clause 1**

In clause 1 the words "Criminal Code (Amendment No. 9) Act, 2023" shall be substituted by the words "Criminal Code (Amendment No. 2) Act, 2024".

L-Emenda "A" għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

**It-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Il-Kumitat qabel ukoll li l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għandu jirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal materji li huma anċillari għalihom" għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emenda.

Fis-6.08 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali – Abbozz 77 - u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) – Abbozz 78 - kienu għaddew mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.

Skont ftehim milħuq il-Kamra għaddiet għall-istadju ta' Tielet Qari ta' dawn iż-żewġ abbozzi ta' liġi.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI – ABBOZZ NRU 77**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 78**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal materji li huma anċillari għalihom” inqara t-tielet darba u għadda.

Fis-6.10 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 5 ta’ Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b’din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 | Kontinwazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Graziella Galea u mill-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Fis-6.38 p.m. id-Deputy Speaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**